Kitba ta' **Charles Galea Scannura** M.A.

# Hjiel dwar il-Parroċċa ta' Bormla fl-1602

Fl-1602 il-parroċċa ta' Bormla kienet waħda żagħżugħa b'komunità attiva. Dan jidher b'mod partikulari mit-tagħrif miġbur minn reġistri parrokkjali u mir-rapport tal-Viżta Pastorali li għamel l-Isqof Tumas Gargallo fil-5 ta' Mejju 1602. Il-parroċċa kienet sa mill-bidu tagħha taħt il-patroċinju ta' Santa Marija Kunċizzjoni tas-Sokkors u mmexxija mill-Kappillan Dun Mikiel Cap. Il-festa kienet tiġi ċċelebrata fit-8 ta' Diċembru.

Fil-5 ta' Mejju 1602 l-Isqof Gargallo telaq bil-baħar mill-Belt Valletta lejn Bormla. Ġie milqugħ ix-xatt minn fejn ġie akkumpanjat mill-kleru u l-poplu sal-knisja. Mexa taħt baldakkin. Fil-knisja qaddes Dun Mikiel Cap., waqt li Patri Damiano Taliana għamel priedka. Dakinhar ukoll, ġiet amministrata l-Griżma u wara li l-Isqof ra l-knisja u ġabar xi tagħrif dwarha, żar il-knisja ta' San Pawl u l-knisja ta' Santa Mrija de Nativitate fil-ġnien magħruf bħala Santarena.



*L-Isqof Tommaso Gargallo J.U.D. (1578-1614)*

## Tagħrif dwar il-Parroċċa

Il-Viżta ta' l-1602 hi importanti għall-istorja ta' Bormla għax fiha hemm l-ewwel deskrizzjoni dettaljata tal-knisja parrokkjali. Il-knisja kellha altar maġġur li kellu tabernaklu u fuqu kwadru qadim ta' Santa Marija mqiegħda f'nofs ħafna qaddisin. Fuq il-lemin, l-altar tat-Trinità Mqaddsa fejn kienet issir iċ-ċelebrazzjoni fit-tieni jum tal-Pentekoste. Dan kellu legat imħolli minn Mro. Simone Zahra li kien għamlu werriet universali tiegħu b'att għand in-Nutar Andrea Albano fit-13 ta' Mejju 1587 – kull tliet snin kellu jipprovdi dota għal xebba qariba jew waħda fqira u onesta.

Imma din bdiet tingħata kull erba' snin. Barra dan kellu legati oħrajn mogħtija minn Francesco Randun, Pietro Zammit alias Tomne ta' Burmula li kellu l-art magħrufa bħala Stamati Galanti f'Bormla, Giuseppe Faella, Andreana u Ventura Cipriotto u oħrajn. Il-prokuratturi kienu Filippo Cap., Matteo Ros u Francesco Randun. Altar ieħor kien iddedikat lil San Pietru u San Pawl li l-kappillan kien sab diġà mwaqqaf imma li ma kellu ebda obbligi jew legati.

Altar ieħor kien iddedikat lit-Trasfigurazzjoni. Kien imwaqqaf minn Mro. Leonardo Habela, ħaddied minn Bormla li għal ħafna snin kien jieħu ħsiebu. Fuq in-naħa tax-xellug tal-maġġur kien hemm imbagħad l-altar ta' Santa Marija tal-Preżentazzjoni, imwaqqaf minn Russo de Piombino, Naplitan, li kien ħalla dar fl-Isla bħala legat. Ħdejn il-bieb tal-knisja mbagħad kien hemm l-altar ta' San Dimitri, imwaqqaf mill-ħaddiema li kienu jqallftu x-xwieni f'Malta.

Qrib il-bieb tal-knisja kien hemm il-kappella ta' San Rokku li kienet inbniet fi żmien il-pesta ta' l-1592. Kellha altar bi kwadru kbir tal-qaddis. Il-kappella kienet inbniet fi żmien Dun Salv Burlò u kompla jirranġaha u jieħu ħsiebha l-Kappillan Cap. bil-ġbir tal-elemosina. Qrib il-knisja wkoll kien hemm dar fejn kien joqgħod is-sagristan *monaco jeu sacristano*.

## Inventarju u Tagħrif Ieħor

Mit-tagħrif dwar il-legati hemm indikati ismijiet ta' nies li kellhom xi rabta ma' Bormla. Per eżempju, Margarita, bint Antonio Habela u mart Don Artale d'Aragona li kienet ħalliet proprjetà tagħha lil-knisja b'att għand in-Nutar Georgio Zilivo, u Cusmano Bonnichi li b'atti għand in-Nutar Henrico Zarb kien ħalla legat marbut ma' l-art magħrufa bħala Ittachbile fil-kontrada Tal-Gueden. Il-kappillan kien jingħata 25 skudi fis-sena fl-10 ta' Awissu mill-prokuraturi tal-parroċċa. Kienu jagħtuh ukoll 5 skudi fis-sena flok dar fejn joqgħod.

Inventarju ta' apparat u xi ħwejjeġ oħra jindika kemm il-parroċċa kienet qed tiġi attrezzata b'dak kollu meħtieġ għad-dekorazzjoni u funzjonijiet liturġiċi. Jissemmew disa' pjaneti (*casule*) bil-maniplu u stola, fosthom waħda ta' l-imbrukkat torkin b'ċerti ittri ebrajki u b'salib forma ta' X fuqha. Kien hemm ħdax-il ventaltar fosthom wieħed ħamrani bil-passaman abjad u torkin bl-arma ta' Habela, ieħor tad-damask ħadrani mogħti minn Zani argozzin tal-Capitana, ieħor tad-damask abjad mogħti minn prokuraturi u li kien sewa 28 skud, u ieħor iswed li sewa 8 skudi.

Kien hemm ventaltar aħmar imbrukkat bi stilel tad-deheb għall-altar ta' Piombino u ieħor mogħti lill-Madonna minn Mro. Janni Lamperi u tnejn oħra ta' San Rokku. Mro. Janni de Rodi, minn Napli, kien ta lampier tar-ram lill-Madonna.

Il-knisja kellha wkoll *buscula* tal-fidda għas-Santissmu Sagrament għat-tqarbin tal-morda, żewġ kuxxinetti tad-damask, ventaltar abjad bl-immaġni tal-Madonna fin-nofs u pjaneta mogħtija minn Fra Gabriele Rosetto permezz tal-Manifku Geronimo Caccialepre, u żewġ albi. Kellha wkoll żewġ qniepen, waħda ta' qantar u nofs u l-oħra ta' madwar 80 ratal, żewġ anġli għall-altar, żewġ qniepen żgħar u salib tal-fratellanza li kien sewa 6 skudi u żewġ lanterni indurati li wkoll kienu swew 6 skudi.

Jissemmew sitt kwadri, ħamsa kbar u wieħed żgħir, kwadru tas-Salvatur u ieħor tal-Madonna, tliet lampieri tal-bronż, kalċi b'koppa tal-fidda, erba' kandlieri indurati, pluvjal u kalċi tal-fidda antik u standard tad-damask torkin b'immaġni tal-Madonna, u dan barra xi affarijiet oħra.

## Żewġ Knejjes Żgħar

Fil-Viżta ta' l-1602, l-Isqof żar żwġ knejjes żgħar. L-ewwel kien mar jara l-knisja ddedikata lill-Konverżjoni ta' San Pawl, fil-post magħruf bħala s-Salib ta' Bormla. Dwar din il-knisja li kienet inbniet fl-1590, hemm indikat li kienet bdiet tinbena minn Francesca mart Mro. Nicolao Michalleff u kompluta minn Mro. Angelo Paci li kien prokuratur tagħha. Michalleff kienet ħalliet għalqa qrib il-knisja, imsejħa Iċċens ta' Bellu, u d-dar li fiha kienet tgħix għall-knisja, waqt li Paci kien jiġbor l-elemosina mingħand Lucretia bint Michalleff biex għamel qanpiena, kwadru u spejjeż oħra fit-tiżjin tal-knisja.

Kien jieħu ħsieb li jsir l-ewwel vespri u quddiesa kantata fil-festi u minn ħamsa sa sitt quddisiet letti fil-ġimgħa. Kien ukoll jiġbor minn kaxxa mqiegħda mas-Salib quddiem il-knisja u oħrajn fuq il-ġfien u l-galeri. Dakinhar tal-Viżta, il-viżitaturi ordnaw lill-prokuratur li ma jagħmilx spejjeż straordinarji mingħajr il-permess tal-kappillan.

It-tieni knisja żgħira jew kappella li żar l-Isqof kienet dik ta' Santa Marija de Nativitate fil-ġnien ta' Santarena. Kellha altar wieħed b'ikona jew immaġni tal-Madonna u huwa rrapurtat li kellha kollox, inkluż lampier. Il-kappillan irrapporta li kienet inbniet minn Kavallier magħruf bħala Santarena (fil-fatt kien Kavallier Franċiż) li kien padrun tal-ġnien kbir li dak iż-żmien kien f'idejn il-lingwa Franċiża.

Il-Kavallier kien ħalla għalqa, Tal-Bilat, qrib il-ġnien biex mir-renti tagħha jitħallsu l-ispejjeż taċ-ċelebrazzjoni ta' quddiesa perpetwa kull Ħadd u l-kant ta' l-ewwel vespri u quddiesa kantata f'jum il-festa tan-Nattività u oħrajn f'jum it-tifkira tat-Twelid tas-Sinjur Tagħna. Dak iż-żmien dan kien qed jitwettaq minn Dun Luisi Bonnici u l-għalqa kienet imqabbla b'seba' skudi fis-sena. Lampa mixgħula dejjem fil-Ħdud u l-festi tal-preċett kien responsabbli għaliha min kien iżomm il-ġnien. Dakinhar dan kien ċertu Domenico Seichel.

## Twelid, Żwiġijiet, Imwiet u Tagħrif Ieħor

Minn kitbiet oħra joħroġ tagħrif ieħor dwar il-komunità Bormliża fl-1602. Kien hemm il-Fratellanza tas-Sagrament, li kienet twaqqfet fis-6 ta' Diċembru 1581 u dik tal-Kunċizzjoni, li hija msemmija fil-Viżta, li kienet twaqqfet f'Ottubru 1581. Fl-1602, b'inizjattiva tal-kappillan u nies oħra, twaqqfet il-Fratellanza tar-Rużarju.

Fl-1602 hemm irreġistrati tmient imwiet, tnejn u sittin magħmudija u



*L-istatwa tal-Madonna, ta' Pawlu Azzopardi fl-1828, tal-Fratellanza tar-Rużarju li twaqqfet fl-1602.*

erbgħa u għoxrin żwieġ. Minn dawn wieħed jista' jikseb bosta tagħrif, ngħidu aħna li fost l-ismijiet popolari tal-bniet insibu Caterina, Angelina, Florentia, Margarita, Domenica, Imperia, Maria jew Marietta u oħrajn, waqt li għas-subien kien hemm varjetà oħra bħal Carlo, Giuseppi, Bartolomeo, Giovanni, Geronimo, Filippo, Giovanni, Angelo, Giorgio u oħrajn. L-ewwel tarbija li kienet mgħammda fl-1602, kien tifel jismu Carlo, li kien iben Antonio u Sperantia Bianco, li tgħammed fl-14 ta' Jannar u kellu lil Mro. Valerio Farrugia u Nardo Savona bħala parrinijiet. Fost il-parrinijiet u missirijiet issib għadd imsejħa Mro. (mastru) li tista' tindika bniedem tas-sengħa jew kap ta' xi biċċa tal-baħar. Oħrajn juru rabtiet ma' nies ta' klassi bħal Domenica Barbara li tgħammdet fis-26 ta' Frar u li bħala parrinu kellha lill-Balliju Della Morea u Catherina bint Mro. Valerio, u Imperia Farrugia li bħala parrinijiet kellha lis-Sinjura Angelina Corogna u l-Fra Giuseppi De Govara.

Fost dawk li żżewġu fl-1602, hemm uħud li żżewġu barranin – Sperantia bint Mariano u Margarita Psajle żżewġet lil Antonio Biancho, fis-6 ta' Mejju 1602, Paulina armla ta' Vincentio de Costantino żżewġet lil Jacobo de Arbori, Venezjan, Margarita bint Jacobo Borg iżżewġet wieħed jismu Andrea Escot u Caterina bint Giuseppe Zammit iżżewġet lil Mro. Francesco Roggero indikat ukoll bħala *forestiere*.

Imbagħad hemm oħrajn li żżewġu rġiel minn parroċċi oħra bħal Lucretia bint Jacobo Geronimo li żżewġet lil Stefano Calleija minn Ħal Safi, Francesca Ros li żżewġet lil Vincentio Ciantar mill-Belt Valletta, Imperia Bellie li żżewġet lil Michele Laurer minn Senglea, Joanetta Desira li żżewġet lil Giorgio Dibono minn Ħ'Attard, Catarinella bint Mattheo Sapiano li żżewġet lil Marco Bonello u Margarita Scembri li żżewġet lil Lorenzo iben Salvu, it-tnejn minn Vittoriosa. Żwieġ partikulari li sar fil-5 ta' Diċembru 1602 bejn Catherina Fiteni u Antonio di Milo, sar *per ordine di Mons. Fra Thomas Gargallo*. Forsi interessanti wkoll il-fatt li ċertu Salvo Cassar jidher xi għaxar darbiet xhud.

Minn dawn ir-reġistri wieħed jista' jiġbor aktar tagħrif li jitfa' dawl fuq l-għadd ta' familji li kienu jgħixu f'Bormla dak iż-żmien. B'dak li rajna hawn fil-qosor, nistgħu ngħidu li l-parroċċa ta' Bormla fl-1602, erba' mitt sena ilu, kienet qed tikber u li n-nies kienet qed tikkonkorri biex tieħu sehem fl-attivitajiet tal-parroċċa, fis-sagramenti u fiċ-ċelebrazzjonijiet li kienu jsiru.

